MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 689/2014

**Borg and Aquilina Limited**
**C 496**

**Vs**

**Chai T.T.T Limited (C 46281) u**
**Lalo Ivanov (ID 32662A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Ottubru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-intimati jew minn minnhom huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u tmenin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,389.45), bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-intimati mir-rikorrenti fuq ordni taghhom stess u dan, kif jirrizulta mill-istatment hawn anness u mmarkat bhala 'DOK BA 1'. Din il-kawza qed titressaq fil-konfron ta' Chai T.T.T. Ltd bhala debitrici principali u fil-konfront ta' Lalo Ivanov bhala garanti 9credit application form annessa bhala DOK BA2);

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimati baqghu inadempjanti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li l-intimati jew minn minnhom huma debitur tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elfejn tlett mija u disgha u tmenin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,389.45);

2. Jordna lil l-intimati jew minn minnhom sabiex ihallas lir-rikorrenti l-imsemmi ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u tmenin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,389.45).

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatroju pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13;

Il-konvenuti debitament notifikata baqghu ma dehrux u lanqas ipprezentaw risposta ghat-talba mitluba kontrihom.

Dehret Mandy Mercieca rapprezentant tas-socjeta' ghas-socjeta' attrici li `kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u tmenin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,389.45) ghadu dovut.

It-Tribunal, ghalhekk huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-intimati jew minn  minnhom huwa debitur ihallas l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u tmenin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,389.45) bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji  inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatroju ipprezentat kontestwalment ikunu a karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------